# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Marzu 2018**

**Numru 12**

**Citazzjoni numru 747/04 SM**

**Anthony De Brincat**

**v.**

**Simone De Brincat, Lydia Vella u**
**Maria Concetta sive Connie Gauci**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mill-attur Anthony De Brincat, fis-6 ta' Ottubru, 2004, li permezz taghha nghad:

> "Permess illi l-attur huwa eredi ta' Concetta De Brincat, Giuseppe De Brincat, u ta' Francis De Brincat li kien eredi ta' missieru Antonio De Brincat;
>
> "Premess illi l-konvenuti huma eredi ta' Pubblius De Brincat li kien eredi ta' Antonio De Brincat, Concetta De Brincat u Giuseppe De Brincat;
>
> "Premess illi l-kontendenti huma koproprjetarji ta' diversi proprjetajiet formanti parti mill-assi ereditarja ta' Antonio De Brincat, Concetta De Brincat u Giuseppe De Brincat;

"Peress illi recentement l-attur skopra li l-konvenuti zammew mistura diversi proprjetajiet li jappartjenu lill-kontendenti u amministraw l-istess proprjetajiet minghajr il-kunsens u bl-eskluzjoni tal-attur bhala koproprjetarju tal-istess;

"Peress illi l-konvenuti zammew ghalihom il-qliegh li emana mill-amministrazzjoni ta' dawn il-proprjetajiet;

"Peress illi l-attur debitament interpella lill-konvenuti sabiex jaghtu rendikont dettaljat tal-amministrazzjoni taghhom u tad-dhul mill-imsemmija proprjetajiet, izda huma baqghu inadempjenti;

"Jghidu ghalhekk talab lil din il-qorti biex prevja kull dikjarazzjoni mehtiega il-konvenuti jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

"1. prevja kull dikjarazzjoni mehtiega fil-Ligi, tordna lill-konvenuti jaghtu rendikont tl-amministrazzjoni taghhom tl-koproprjeta kollha ezistenti bejn il-kontendenti;

"2. tillikwida l-qliegh li emana mill-amministrazzjoni tal-koproprjeta` kollha ezistenti bejn il-kontendenti, u dan anke permezz ta' periti nominandi;

"3. tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur sehemu mill-qliegh li emana mill-amministrazzjon ta' dawn il-proprjetajiet.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa stess ingunti in subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Simone De Brincat u Lydia Vella, tal-20 ta' Ottubru, 2004, li permezz taghha eccepew:

"1. Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa jaf ben tajjeb liema proprjeta` hija in komun bejniethom u li minn din il-proprjeta` huma mhu qed jircievu ebda renti, u dank if jigi pruvat fil-kawza;

"2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

"3. Illi huma m'ghandhomx ibatu spejjez."

Rat li ghalkemm il-konvenuta Maria Concetta sive Connie Gauci kienet debitament notifikata bl-att tac-citazzjoni, fid-29 ta' Ottubru, 2004, hija

baqghet ma ressqet ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti Simone De Brincat u Lydia Vella, tas-6 ta' Novembru, 2006, li permezz taghha eccepew ulterjorment:

> "Li t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 845 tal-Kodici Civili, (preskrizzjoni ta' ghaxar snin) stante li t-talbiet tal-attur huma bbazati fuq wirt ta' Francis de Brincat li ilu mejjet mill-1954."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti Simone De Brincat u Lydia Vella, tal-4 ta' Gunju, 2008, li permezz taghha eccepew ulterjorment li talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda wkoll stante huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili (preskrizzjoni ta' tletin snin) stante li t-talbiet tal-attur huma bazati fuq wirt ta' Francis de Brincat Concetta de brincat, Giuseppe de Brincat u Francis De Brincat li lkoll ilhom mejta ghal aktar minn 30 sena ilu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Ottubru, 2013, fl-ismijiet premessi, li permezz taghha, u ghar-ragunijiet hemm msemmija, l-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza billi, filwaqt li stqarret li kienet sodisfatta li l-attur Anthony De Brincat ma pprovax il-kaz tieghu skont il-ligi,

irrespingiet it-talbiet kollha tieghu, u laqghet l-eccezzjoni fil-mertu sollevati mill-konvenuti Simone De Brincat u Lydia Vella. Iddikjarat lill-konvenuta Maria Concetta sive Connie Gauci kontumaci u konsegwentment ikkundannatha thallas l-ispejjez relattivi, filwaqt li l-attur gie kkundannat ihallas il-bqija tal-ispejjez procedurali.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "26.0. Illi ghandu jigi immedjatament sottolineat li l-procedura adoperata hawn riskontrata u fuq sintetikament kostruwita mhix dik idonea ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja stante li wasslet biss ghal:
>
> "26.1. Ripetizzjoni ta' proceduri adottati mill-partijiet;
>
> "26.2. Zvijar inutili tal-vertenza vera u proprja;
>
> "26.3. Hela kbira ta' zmien ghal kull min kien involut fil-kontestazzjoni sollevata;
>
> "27.0. Illi effettivament din il-vertenza spiccat diviza f'zewg (2) kwistjonijiet kif sollevati mill-partijiet, senjatament:
>
> "27.1. It-talba attrici ghall-rezakont tal-amministrazzjoni tal-konvenuti, bil-konsegwenti likwidazzjoni involuta u jekk ikun il-kaz, bil-kundanna dovuta, u
>
> "27.2. L-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuti rigwardanti l-preskrizzjonijiet riferiti aktar qabel;
>
> "28. Illi ghandu jkun pacifiku li l-ewwel vertenza li ghandha tigi indirizzata ghandha tkun dik rigwardanti l-preskrizzjonijiet sollevati mill-konvenuti u ghandu jkun biss sussidjarjament f'kaz t'ezitu negattiv, li tkun tista' tigi ndirizzata l-vertenza fil-meritu;
>
> "Ikkunsidrat:
>
> "29.0. Illi rigward iz-zewg kapi ta' preskrizzjoni sollevati mill-konvenuti ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

"29.1. Illi l-artiklu 845 tal-Kap 16 sollevat mill-konvenuti jistabbilixxi s-segwenti:

"29.1.1. Illi "l-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew legittima, jew is-sehem tal-beni li ligi taghti lit-tfal illegittimi jew lil zewg jew mart il-mejjet, sew fis-successjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk ab intestato, tispicca bl-eghluq ta' ghaxar (10) snin mill-ftuh tas-successjoni";

"29.1.2. Illi l-istess artiklu jkompli, "izda, ghall-minuri, jew ghall-interdetti, l-azzjoni fuq imsemmija ma tispiccax hlief eghluq sena minn dak in-nhar li huma jsiru ta' l-eta`, jew li l-interdizzjoni tispicca, kif ikun il-kaz";

"29.2. Illi ghandu jkun pacifiku li l-artiklu 845 tal-Kap 16 fuq citat jindiriza talbiet specifici, senjatament dawk rigwardanti "wirt", "legat", "legittima", "sehem tal-beni li ligi taghti lit-tfal illegittimi" jew lis-superstiti minn zwieg;

"29.3. Illi l-ebda wiehed minn dawk il-kazijiet elenkati ma jirrigwarda r-rezakont amministrattiv indirizzat mill-attur fic-citazzjoni promotrici tieghu;

"29.4. Illi kif ben irritjena l-attur fin-nota ta' referenzi tieghu immarkata Dok. RS 1 li a skans ta' ripetizzjoni inutili mhux qed tigi hawn riprodotta, il-preskrizzjoni hawn sollevata mill-konvenuti hi ghal kollox irrilevanti u ma tapplikax ghall-meritu in dizamina;

"29.5. Illi konsegwentement qed tirrespingi din l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti, bl-ispejjez kontra taghhom;

"Ikkunsidrat:

"29.6. Illi l-artiklu 2143 tal-Kap 16 sollevat mill-konvenuti jistabbilixxi s-segwenti:

"29.6.1. Illi "l-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni eghluq tletin (30) sena, u ebda oppozizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tista' ssir minhabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi";

"29.6.2. Illi fir-rigward ghandu jigi sintetikament rilevat is-segwenti:

"29.6.2.i. Illi l-kontendenti kienu jaqsmu r-rikavat ricevut minn xi proprjetajiet li wirtu flimkien, izda minn ohrajn kif sollevat mill-attur, jidher li dan l-attur ma rceva xejn ghalkemm jippretendi xi rikavat;

"29.6.2.ii. Illi effettivament il-proprjetajiet in dizamina meritu tal-kontestazzjoni odjerna gew abbilment deskritti mill-konvenuta Simone

De Brincat fl-affidavit u l-kontroezami taghha, (ara fol 472 et sequitur u 528 et sequitur), fejn essenzjalment jirrizulta s-segwenti:

“29.6.2.ii.1. Illi l-qabar de quo kien ilu fil-familja De Brincat zmien twil;

“29.6.2.ii.a. Illi rigward il-fond 35, gia` 76, gia` 68, Triq il-Kapuccini, il-Furjana, ghandu jinghad li dan hu biss wirt Publius, missier il-konvenuti;

“29.6.2.ii.b. Illi l-kera rikavata mill-imsemmi fond indikat fil-paragrafu precedenti kienet tinqasam bejn it-tlett (3) konvenuti;

“29.6.2.ii.c. Illi meta l-fond de quo kellu hsarat kbar kien l-istess Publius fuq indikat li kien imharrek fl-azzjoni kriminali biex jaghmel tajjeb ghall-hsarat riskontrati u effettivament, il-hsarat ristrutturali ghamel tajjeb ghalihom minn butu;

“29.6.2.ii.d. Illi l-istess fond hawn in dizamina kien ghadda ghand l-imsemmi Publius fl-1922;

“29.6.2.ii.e. Illi rigward il-qabar fl-Addolorata indikat mill-konvenuta de quo jinghad is-segwenti:

“29.6.2.ii.f. Illi rigward il-fond 48, Triq l-Iljun, Furjana, jinghad is-segwenti:

“29.6.2.ii.f.1.Illi effettivament dan hu gorbog konsistenti biss f’kamra u kantina;

“29.6.2.ii.f.2.Illi l-konvenuti ma jircievu l-ebda tip ta’ rikavat;

“29.6.2.ii.f.3. Illi l-istess fond kien gie rekwizizzjonat;

“29.6.2.ii.g. Illi rigward il-fond 27 u 28, Sqaq Santa’ anna, l-Hamrun, ghandu jinghad is-segwenti:

“29.6.2.ii.g.1. Illi l-attur kien ben informat fir-rigward tant li meta kien hemm il-htiega fetah proceduri l-qorti flimkien mal-konvenuti biex jittutela l-pozizzjoni tieghu;

“29.6.2.ii.g.2. Illi l-kera dovuta fir-rigward kienet tigi depozitata l-qorti;

“29.6.2.ii.h. Illi rigward proprjeta` mikrija lil certu Vella ghandu jinghad is-segwenti:

“29.6.2.ii.h.1. Illi din iggib in-numru 30/31, Sqaq Numru 3, Triq il-Kbira, l-Hamrun;

“29.6.2.ii.h.2. Illi l-konvenuta Simone De Brincat bdiet tigbor il-kera de quo mill-1992 wara li miet il-papa` taghha, sal-2001;

"29.6.2.ii.h.3. Illi l-attur m'ghandu l-ebda relazzjoni mal-fond de quo;

"30. Illi jirrizulta li qabel il-konvenuti, l-amministrazzjoni tal-fondi fuq elenkati kienet issir mill-papa` taghhom, Publius, li miet fl-1991;

"31. Illi mid-data tal-mewt tal-imsemmi Publius – data li fiha l-amministrazzjoni ghaddiet ghand il-konvenuti fejn jidher li r-responsabbilita` effettiva ghall-istess ghaddiet ghand il-konvenuta Simone De Brincat – sad-data tal-prezentata tal-azzjoni odjerna, (ara paragrafu numru wiehed (1) aktar qabel), ma jirrizultax li ghadda l-perjodu ta' tletin (30) sena sollevat mill-konvenuti;

"32. Illi konsegwentement anke din l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni bit-trapass ta' tletin (30) sena ma tirrizultax assodata u konsegwentement qed tirrespingi wkoll din l-eccezzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

"Ikkunsidrat:

"33.0. Illi fil-meritu tal-procedura in dizamina jirrizulta generikament is-segwenti:

"33.1. Illi l-proprjeta` in dizamina fuq riferita jew tirrizulta esproprijata, jew bil-kera depozitat fir-registru tal-qorti jew infruttifera;

"33.2. Illi di piu`, jirrizulta li l-attur ma hux daqshekk sajjem mid-dettalji kif irrizultaw in atti stante li jirrizulta li dejjem kien au currant ta' dak kollu rigwardanti il-proprjetajiet fuq elenkati;

"33.3. Illi jidher ghalhekk li l-animu wara l-procedura de quo irid jinstab mhux f'xi deficjenzi amministrattivi li ma jirrizultawx stante li l-istess attur ma ipprova li ghandu l-ebda jeddijiet fir-rigward, izda x'imkien iehor li din il-qorti hi prekluza milli tindaga;"

Rat ir-rikors tal-attur appellant li permezz tieghu appella mis-sentenza tad-9 ta' Ottubru, 2013, fil-kawza fl-ismijiet premessi, u talab li din il-Qorti, filwaqt li tikkonfermaha f'dawk il-partijiet fejn cahdet iz-zewg eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni mressqa mill-konvenuti appellati, tirrevoka, thassar u tannulla l-istess sentenza appellata f'dik il-parti fejn laqghet l-eccezzjoni fil-mertu tal-konvenuti Simone De Brincat u Lydia Vella, permezz ta' liema eccepew illi l-attur jaf sew liema hija l-proprjetà

komuni bejniethom, u ghalhekk tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat li ghalkemm il-konvenuti appellati kienu debitament notifikati bir-rikors tal-appell, hadd minnhom ma ressaq risposta.

Rat ir-rikors tal-attur appellant tal-20 ta' Ottubru, 2017, li permezz tieghu talab li jigi esebit kuntratt hemm anness bhala Dok. ADB 1, kif ukoll ir-risposta tal-konvenuti appellati Simone De Brincat u Lydia Vella, li permezz taghha oggezzjonaw ghal tali talba, kif ukoll irriservaw li jaghmlu l-kontro-ezamijiet u l-verifiki necessarji, oltre li jinghataw id-dritt huma wkoll li jressqu l-provi taghhom.

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 2018, id-difensur tal-attur appellant wara li spjegat li l-kuntratt in kwistjoni gie ppublikat fil-mori tal-appell, iddikjarat bhala l-oggett tal-prova li huwa relevanti ghall-iskop tat-titolu tal-proprjetajiet in kwistjoni. Waqt l-istess seduta din il-Qorti semghet it-trattazzjoni kemm dwar ir-rikors tal-20 ta' Ottubru, 2017, kif ukoll dwar il-mertu tal-appell u ghalhekk l-appell gie differit kemm sabiex jinghata l-provvediment opportun jekk ikun il-kaz, kif ukoll ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz id-dokumenti hemm ipprezentati;

Ikkonsidrat:

Ikun opportun li l-ewwel tigi trattata l-ammissibilità tal-kuntratt bhala prova in atti, oggett tar-rikors tal-20 ta' Ottubru, 2017. Jibda billi jigi osservat li kif rilevat mill-konvenuti appellati din il-materja hija regolata bil-ligi ai termini tal-Artikolu 145 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprovdi li:

> *"145. Mar-rikors, mat-twegiba u mar-replika, ghandhom jingiebu d-dokumenti li jkunu sahhu t-talbiet tal-wiehed jew l-eccezzjonijiet tal-iehor."*

Kif kellha okkazjoni din il-Qorti tirrileva dwar l-imsemmi artikolu tal-ligi, fis-sentenza taghha tal-24 ta' Gunju, 2011, fil-kawza fl-ismijiet **Josef Farrugia et v. Christopher Carabott et**:

> *"7. Dan l-artikolu jidher illi qieghed jaghti dritt inkondizzjonat lill-partijiet illi jipprezentaw kull dokument li jsahhah it-talbiet jew l-eccezzjonijiet, skond il-kaz, minghajr restrizzjoni. Madankollu, din il-qorti hija tal-fehma illi din id-dispozizzjoni tal-ligi ghandha tinqara u tiftehem fil-kuntest ta' dik li hija proprjament il-funzjoni ta' qorti ta' revizjoni, fis-sens illi din il-qorti ma ghandhiex, bhala regola, tqis provi illi ma ngibux quddiem qorti tal-ewwel grad ghax jekk taghmel hekk tkun qieghda ccahhad lill-partijiet mill-beneficcju tal-ezami doppju. Jinghad "bhala regola" ghax jista' jkun hemm cirkostanzi eccezzjonali fejn l-interessi tal-gustizzja jitolbu li ssir eccezzjoni ghar-regola, bhal meta d-dokumenti setghu jingiebu biss f'dan l-istadju jew ir-relevanza taghhom fegget biss fid-dawl ta' dak li jinghad fis-sentenza appellata."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, ghalkemm bhala regola din il-Qorti taghti interpretazzjoni ristrettiva tal-artikolu in ezami u ma tippermettix facilment li jigu esebiti dokumenti f'dan l-istadju tal-kawza, filwaqt li huwa minnu li fil-kaz odjern l-attur appellant ma ressaqx l-imsemmi dokument mar-rikors tal-appell tieghu tat-28 ta' Ottubru, 2013,

jigi rilevat li l-istess kuntratt gie ppublikat fl-14 ta' Dicembru, 2015, cioè fil-mori tal-appell. Kwindi dan id-dokument qatt ma seta' kien disponibbli ghall-attur appellant fil-mument li sar ir-rikors tal-appell. Isegwi li jirrizultaw ic-cirkostanzi eccezzjonali kontemplati fil-ligi, li tabilhaqq kien hemm ostakolu li kien jimpedixxi lill-attur appellant milli jressaq l-istess dokument quddiem l-ewwel Qorti fil-waqt opportun. Fuq l-iskorta tas-sentenza appena citata, din il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz ghandha tilqa' it-talba tal-attur appellant li jressaq dan il-kuntratt bhala prova.

Fi kwalunkwe kaz ghandu jinghad ukoll li mill-provi in atti kien diga` jirrizulta li s-suggett tal-kuntratt, li huwa l-fond li jgib in-numru 47/48 Triq l-Iljun, il-Furjana, kien suggett ta' proceduri ta' esproprjazzjoni. Mix-xhieda tal-Assistent Direttur Margaret Falzon ghan-nom tal-Kummissarju tal-Artijiet jirrizulta wkoll illi din il-proprjetà kienet precedentement proprjetà ta' Joseph De Brincat u li ghalkemm sal-14 ta' Novembru, 2005 ma kienx ghadu stabbilit fic-cert min kienu s-sidien attwali, kien jirrizultalha kemm isem l-attur appellant kif ukoll isem il-konvenuti appellati fil-lista ta' sidien. Kwindi bhala prova l-kuntratt sahhah dak li kien diga` jirrizulta mill-atti, izda ma jzid xejn gdid li seta' hasad lill-konvenuti appellati. Ma tarax allura li l-konvenuti ghandhom htiega li jressqu xi prova in konnessjoni mal-istess kuntratt.

Imiss li jigi trattat ir-rikors tal-appell fil-mertu tieghu, li jissejjes fuq tliet aggravji principali: (i) kuntrarjament ghal dak li nghad mill-ewwel Qorti, l-attur appellant jishaq li huwa ma kienx mgharraf dwar il-proprjetajiet mizmuma in komun bejn il-partijiet kollha; (ii) l-ewwel Qorti ghaddiet sabiex tidderimi t-tielet u r-raba' talbiet tal-attur appellant; u (iii) minkejja li l-ewwel Qorti ghamlet tajjeb li cahdet l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta), hija ghamlet sensiela ta' analizi nkorretta tal-fatti li sehhew.

Qabel din il-Qorti tindirizza dawn l-aggravji, ghandu jinghad mal-ewwel li in kwantu ma sar ebda appell mill-ewwel sentenza safejn din cahdet l-eccezzjonijiet ulterjuri relattivi ghall-preskrizzjoni, illum il-gurnata, dik il-parti tas-sentenza tikkostitwixxi gudikat u ghalhekk din il-Qorti mhix ser tinoltra ruhha fir-rigward.

Jitqies opportun li l-ewwel jigi trattat it-tielet aggravju tal-attur appellant, in kwantu jolqot is-sustanza tal-azzjoni attrici, fid-dawl tal-eccezzjonijiet imressqa minn zewg konvenuti appellati: dak dwar l-analizi tal-fatti senjatament dwar il-proprjetajiet suggett tal-kawza in ezami. Filwaqt li l-attur appellant jaqbel mas-sentenza tal-ewwel Qorti safejn cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bit-trapass ta' tletin sena, huwa jilmenta li l-ewwel Qorti ghamlet certu kunsiderazzjonijiet fir-rigward, li fil-fehma tieghu huma nkorretti. L-attur appellant jirrileva li:

(a) <u>Il-fond 35, gja 76, gja 68 Triq il-Kapuccini l-Furjana:</u> l-ewwel Qorti ghamlet hazin meta kkonkludiet li dan il-fond ghadda lil missier il-konvenuti Publius fl-1922, u li dan hu biss wirt Publius, missier il-konvenuti;

(b) <u>Il-qabar fl-Addolorata</u>: l-ewwel Qorti bi zvista ma qalet xejn fuq il-qabar in kwistjoni;

(c) <u>Il-fond 27 u 28, Sqaq Santa' anna, l-Hamrun</u>: fejn l-ewwel Qorti qalet biss li l-kera dovuta fir-rigward kienet giet depozitata l-Qorti;

(d) <u>Il-proprjetà mikrija lil certu Vella</u>: l-ewwel Qorti qalet li l-attur m'ghandu ebda relazzjoni mal-fond *de quo.*

Filwaqt li l-attur appellant jaghmel referenza ghal diversi kuntratti minn fejn jirrizulta li dawn il-proprjetajiet kollha gew mixtrija minn Antonio De Brincat (in-nannu tal-partijiet) jew minn Giuseppe De Brincat (iz-ziju tal-partijiet li miet bla tfal u intestat), l-ewwel Qorti naqset milli tgharbel dawn il-fatti qabel ma waslet ghall-konkluzjonijiet taghha.

Ghandu jinghad mal-ewwel li minn ezami tas-sentenza appellata, tabilhaqq din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti naqset milli tgharbel sew il-fatti tal-kaz. Dan jinghad peress li l-azzjoni attrici hija msejsa fuq il-pretensjoni li l-attur appellant ghandu fuq il-wirt ta' Concetta De Brincat, fuq il-wirt ta' Giuseppe De Brincat, u fuq il-wirt ta' Francis De Brincat li kien eredi ta' missieru ta' Antonio De Brincat, xi haga li l-ewwel Qorti naqset milli tistharreg. Din hi sitwazzjoni ghal kollox infelici, kemm

ghaliex l-ewwel Qorti tkun qed tonqos mill-funzjoni ewlenija taghha bhala Qorti ta' pirm istanza kif ukoll ghaliex din il-Qorti ma titqieghedx fil-pozizzjoni li taqdi r-rwol taghha ta' Qorti ta' revizjoni ghaliex ma ssib xejn x'tista' tirrevedi u jkollha taghmel hi dak li messha ghamlet l-ewwel Qorti, kif se taghmel.

(1) Wirt ta' Antonio u Concetta De Brincat

Minn ezami tal-atti jirrizulta li, Antonio De Brincat kien negozjant. Huwa miet fit-23 ta' Novembru tas-sena 1921. Flimkien mal-mara Concetta kellhom tmint itfal: Rosina (li mietet 27 ta' Gunju, 1929), Carmelo (li miet 2 ta' Frar, 1945), Giuseppe (li miet fit-28 ta' Dicembru, 1955), Domenico, Vincenzo, Publio (missier il-konvenuti), Anthony u Francis (missier l-attur li miet fit-23 ta' Dicembru, 1954). Mill-atti tirrizulta d-denunzja li saret minn Publio wara l-mewt ta' l-omm Concetta De Brincat, li mietet fl-4 ta' Gunju, 1957. Fiha jinghad li l-wirt ta' Concetta De Brincat ghadda fuq it-tfal Vincent, Publio u Anthony u peress li t-tifel taghha Francis kien diga nieqes, hemm imsemmija n-neputijiet taghha Marcette, Bernardette u Anthony (l-attur appellant). Hija kellha sehem ta' 87 minn 160 ta' numru ta' proprjetajiet, u tad-ditta "Ant. Debrincat & Sons". Fost il-proprjetajiet hemm elenkati jirrizultaw ukoll (a) 68, Triq il-Kappuccini, Floriana; u (b) 48, Lion Street, Balzonetta, Floriana.

(2) Wirt ta' Joseph De Brincat

Jirrizulta li Joseph De Brincat miet fit-28 ta' Dicembru, 1955, u ghalkemm mizzewweg lil Paolina (née Bajada), miet intestat u minghajr tfal. Id-denunzja tieghu wkoll kienet saret minn Publio De Brincat u hemm indikat li ghalkemm id-decuius xtara numru ta' proprjetajiet f'ismu, dan sar ghall-beneficcju tad-ditta u bil-kapital tal-istess ditta. Fil-fatt jinghad li huwa kellu *"Business in partner with his mother in ½ and with his brothers in $^{1}/_{5}$ of the remaining other ½ under the firm 'Anthony De Brincat & Sons'."* Fl-istess denunzja hemm elenkati bazikament l-istess proprjetajiet li hemm elenkati fid-denunzja tal-omm Concetta De Brincat, b'dan illi jigi specifikat li fil-kaz tat-terran numru 68, Triq il-Kapuccini Floriana u il-proprjetajiet bin-numru 28 u 31, Sqaq Numru III, fi Triq San Guzepp, il-Hamrun, dawn huwa wirithom minghand missieru.

(3) Wirt ta' Francis De Brincat

Mid-denunzja jirrizulta li missier l-attur miet fit-23 ta' Dicembru, 1954, u li kien mizzewweg lil Mary née Bajada u li kellhom tliet itfal li kienu ghadhom minorenni, Marcette, Bernardette u Antoine. Id-denunzja saret minn avukat f'isem l-eredi li fiha wkoll jinghad li d-decuius kellu sehem mid-ditta "A. Debrincat & Sons" fondata mill-missier Antonio De

Brincat u li sussegwentement din id-ditta tmexxiet minn wiehed mill-ulied, Giuseppe. Ghalhekk f'din id-denunzja hemm ukoll elenkati lista shiha ta' proprjetajiet appartenenti l-istess ditta, inkluz dawk in kwistjoni.

Mix-xhieda tal-attur appellant jirrizulta li wara li gie nieqes iz-ziju Joseph De Brincat, missier il-konvenuti, Publio, beda jamministra l-proprjetà tal-familja li kienet mizmuma in komun. Publio miet fit-18 ta' Lulju, 1991, u li sussegwentement din bdiet tigi amministrata minn bintu Simone De Brincat. Jirrizulta mid-denunzja ta' Publio De Brincat li ma gietx elenkata l-proprjetà kollha kif kien sar fid-denunzji precedenti. Jirrizulta pacifiku bejn il-kontendenti fil-kawza li hemm numru ta' proprjetajiet mizmuma in komun bhalma huma l-fond bin-nuru 16, Magazines Junction, Floriana, 57 u 59, Triq il-Kapuccini, Floriana u 78, Triq il-Kapuccini, Floriana, li huma jikru flimkien bhala sidien lil terzi. Madankollu, filwaqt li l-attur appellant jishaq li similment huwa ghandu sehem minn xi proprjetajiet ohra, bhala eredi ta' missieru Francis, ta' zijuh Joseph u ta' nanntu Maria Concetta, min-naha l-ohra l-konvenuti appellati Simone u Lydia ahwa De Brincat jikkontestaw dan ghal numru ta' ragunijiet. Il-konvenuta appellata l-ohra Maria Concetta sive Connie Gauci fix-xhieda taghha tat ragun lill-attur appellant u taqbel li huwa ghandu sehem mill-proprjetajiet in kwistjoni. Kwindi dan id-disgwid jirrizulta li kien jimmerita approfondiment ulterjuri da parti tal-ewwel Qorti, sabiex jigi determinat jekk l-attur appellant kellux jedd li jippretendi

li jinghata kont fuq il-proprjetà in kontestazzjoni. Minflok l-ewwel Qorti baqghet siekta f'dan ir-rigward bhal li kieku kollox kien car u limpidu.

Il-fond 35, gja 76, gja 68 Triq il-Kapuccini l-Furjana:

Dan il-fond jirrizulta li huwa l-aktar fond li wassal ghal thaqqiq bejn il-kontendenti fil-kawza, tant li fil-verbal tat-2 ta' Frar, 2012, quddiem l-ewwel Qorti, nghad li dan kien il-fond li kien jisthoqqlu l-aktar attenzjoni, peress li l-proprjetajiet l-ohra jew jinsabu esproprjati jew jinvolvu ammonti rrizorji. Il-fond numru 35 (gia 76 u precedentement numru 68) fi Triq il-Kapuccini l-Furjana, jirrizulta li nkera lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani minn Simone De Brincat (f'isimha u f'isem hutha u ommha) sa mill-4 ta' Marzu, 1993, versu s-somma ta' Lm780 fis-sena. Mix-xhieda ta' Helen Borg Bonnici, President tal-istess Kunsill, jidher li l-konvenuti appellati thallsu s-somma ta' Lm10,920 fuq medda t'erbatax-il sena.

Il-konvenuti appellati Simone u Lydia ahwa De Brincat jikkontendu li fil-kaz tal-proprjeta numru 35, gia 76, gia 68, Triq il-Kapuccini l-Furjana, din hija proprjetà li ghaddiet ghandhom minghand missierhom li kien wiritha huwa wahdu. Tirrizulta esebita in atti, cedola ta' fidi ta' cens, li kienet saret minn missierhom Publio, fit-30 ta' Mejju, 1988, fejn gie hemm premess li huwa wiret din il-proprjetà esklussivament minghand missieru Giuseppe (sic!). Fl-affidavit taghha tishaq li din hija proprjetà

esklussiva tal-konvenuti bhala wirt ta' missierha li kien wiritha minghand Giuseppe De Brincat, li da parti tieghu kien xtraha permezz ta' kuntratt fil-5 ta' Awwissu, 1922, esebit in atti. Targumenta wkoll li meta kien hemm hafna hsarat fil-fond, kienet hi li harget il-kapital sabiex sar it-tibdil tas-soqfa, l-madum gdid u xoghlijiet ohra sabiex tissewwa l-istess proprjetà. Hija tesebixxi sensiela ta' ricevuti f'dan ir-rigward.

Min-naha l-ohra l-attur appellant jghid li fl-24 ta' Frar 1918, in-nannu tieghu Antonio De Brincat, xtara kantina li tigi taht il-fond in kwistjoni, filwaqt li permezz ta' kuntratt tal-1 ta' Awwissu, 1922, iz-ziju tieghu Giuseppe De Brincat xtara kamra fuq wara tal-istess kantina. Sussegwentement jinghad mill-attur appellant li kienet in-nanna tieghu Concetta De Brincat flimkien ma' uliedha li, permezz ta' kuntratt tat-12 ta' Frar, 1923, li huwa kuntratt ta' permute, akkwistat zewgt ikmamar bi tpartit mal-kantina qabel imsemmija, li sussegwentement inghaqdu f'dak li llum huwa l-fond in kwistjoni.

Minn ezami tal-kuntratt tal-5 ta' Awwissu, 1922, esebit mill-konvenuti appellati jirrizulta li, filwaqt li huwa minnu li z-ziju tal-kontendenti fil-kawza, Giuseppe DeBrincat, akkwista l-kamra bin-numru 78, fi Triq il-Kapuccini l-Furjana, b'titolu ta' cens perpetwu, ma hemm ebda prova in atti li din ghaddiet esklussivament lil missierhom Publio. L-ewwel nett jirrizulta l-ewwel zball mic-cedola ta' fidi tat-30 ta' Mejju, 1988, li tindika

lil Giuseppe De Brincat bhala missier Publio meta dan kien huh. It-tieni punt huwa li d-dikjarazzjoni fic-cedola fis-sens li Publio wiret din il-proprjetà esklussivament minghand missieru Giuseppe, tinsab kontradetta kemm mid-denunzja ta' Francis De Brincat, li kien lahaq miet qabel Giuseppe, fejn jinghad li kellu sehem mill-proprjetajiet tad-ditta A. De Brincat & Sons u li tinkludi 68, Triq il-Kapuccini, Floriana, kif ukoll mill-istess denunzja ta' Giuseppe De Brincat fejn jinghad li din il-proprjetà partikolari wiritha minghand missieru. Hekk ukoll mid-denunzja ta' Maria Concetta De Brincat, jirrizulta li hija kienet tirrisjedi f'dan il-fond u li kellha sehem ta' 87 minn 160, ta' din l-istess proprjetà.

Ghalhekk ic-cedola ta' depozitu ta' fidi ta' cens mhix prova sodisfacenti li dan il-fond huwa proprjeta' esklussiva tal-konvenuti appellati kif jippretendu. Anzi min-noti tal-insinwa u d-denunzji esebiti in atti, fil-fehma ta' din il-Qorti, jirrizulta ampjament ippruvat li l-pretensjonijiet tal-attur appellant huma fondati, in kwantu huwa ghandu sehem minn din il-proprjetà li kienet parti mill-wirt kemm ta' missieru Francis De Brincat, kemm ta' zijuh Giuseppe De Brincat, kif ukoll ta' nanntu Concetta De Brincat, kif wara kollox jirrizulta dikjarat fid-denunzja taghha, liema denunzja saret mill-istess Publio De Brincat! Ghalkemm il-konvenuti appellati jippretendu li l-fond ossia t-terran numru 68, Triq il-Kapuccini Floriana, huma wirtuh minghand missierhom Publio, l-istess konvenuti appellati ma pproducew ebda kuntratt jew testment li bih missierhom

Publio seta' akkwista titolu esklussiv ta' proprjetà fuq il-fond in kwistjoni. Anzi, in kontro-ezami l-konvenuta Simone De Brincat tikkoncedi li Giuseppe De Brincat ma kellux testament meta miet! Ghalhekk hija ritenuta zbaljata l-asserzjoni tal-ewwel Qorti meta jinghad minnha li din il-proprjetà ghaddiet ghand Publio De Brincat fis-sena 1922. Kwindi din il-Qorti hija propensa li taghti ragun lill-attur appellant li din il-proprjetà hija wahda li hija mizmuma mill-konvenuti appellati b'koproprjetà mal-eredi l-ohra ta' Antonio, Maria Concetta u uliedhom l-ahwa De Brincat. In kwantu ghall-ispejjez inkorsi mill-konvenuta appellata Simone De Brincat, jigi rilevat li l-hlasijiet relattivi jidhru li saru fis-sena 1993 u ghalhekk dawn ghandhom jifformaw parti mir-rendikont li ghandu jinghata, kif ser jinghad.

<u>Il-qabar Numru 7 East NC fic-Cimiterju ta' Maria Addolorata:</u>

Mill-atti jirrizulta li dan il-qabar inxtara minn Vincenzo u Antonio (nannu tal-kontendenti) ahwa De Brincat fit-23 ta' Gunju 1896. Dan jinsab ikkonfermat mix-xhieda ta' Paul J. Micallef, rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sahha, li kkonferma li mill-kotba taghhom jirrizulta li l-qabar huwa proprjetà ta' Vincenzo u Antonio ahwa De Brincat. Il-konvenuta appellata tishaq li l-attur appellant kien jaf dwar dan il-qabar peress li fih hemm midfuna xi familjari tal-kontendenti fil-kawza. Tabilhaqq l-attur appellant jghid sew li l-ewwel Qorti naqset milli taghmel kwalunkwè konsiderazzjoni fuq il-qabar in kwistjoni. Ghalkemm ghall-

fini tal-azzjoni odjerna ma jistax jinghad li dan il-qabar seta' jaghti xi frott, madankollu ma jidhirx li huwa kkontestat li l-attur appellant ghandu sehem indiviz minnu.

Il-fond 27 u 28, Sqaq Santa' anna, l-Hamrun:

L-attur appellant jikkontendi li l-proprjetà bin-numru 28, Alley III (illum Sqaq Santa' anna), fi Triq il-Kbira, Hamrun, kienet inxtrat min-nannuh Antonio De Brincat fil-11 ta' April, 1908. Dan il-post sussegwentement gie mniffed ma' post iehor – numru 27, Alley III, Triq il-Kbira, Hamrun, liema post inxtara minn Giuseppe De Brincat (b'kuntratt tat-28 ta' Awwissu, 1935.) L-appellant jikkontendi li ghalkemm kien jaf bil-fond numru 27, izda ma kienx jaf bin-numru 28.

Da parti tal-konvenuta appellata Simone De Brincat jinghad li l-attur appellant huwa ben konsapevoli ta' din il-proprjetà, tant li l-attur flimkien ma' hutu, u hija flimkien ma' hutha, fethu kawza kontra l-inkwilin sabiex ippruvaw jizgumbrawh mill-fond in kwstjoni, izda ma rnexxielhomx kif jirrizulta mis-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tal-21 ta' Gunju, 2010, esebita in atti. Mill-kopji in atti tal-ircevuti tal-kotba tal-kera jirrizulta li filwaqt li fis-snin sittin kienet tinhareg ircevuta b'deskrizzjoni generika ta' "*premises in St. Anne's Alley, Hamrun*", fis-snin sebghin ghall-ewwel kienu jinhargu rcevuti separati ghall-kull fond senjatament 27, 28 u

sahansitra f'hin minnhom jissemma' fond iehor bin-numru 30 f'St. Anne's Alley, Hamrun, izda lejn l-ahhar tas-snin sebghin jidher li bdiet tohrog ircevuta wahda fuq "*premises No. 27/28, St. Anne's Alley, Hamrun*". X'aktarx li whud minn dawn l-ircevuti kienu jinhargu minn Publio De Brincat, missier il-konvenuti appellati, sakemm miet fis-sena 1991, peress li wara din is-sena l-ktieb tal-kera beda jigi ffirmat minn uliedu Lydia Vella u Simone De Brincat u dan sas-sena 2000.

Jirrizulta li l-attur appellant, flimkien ma hutu u flimkien mal-konvenuti appellati pprocedew gudizzjarjament kontra l-inkwilin fis-sena 2002. Mic-cedoli ta' depozitu li jgibu referenza 1550/2001, 1193/2002 u 2673/2010, esebiti in atti, jirrizulta li l-kera tal-fond 27/28 St. Anne's Alley, Hamrun, ta' bejn Ottubru tas-sena 2000 u Ottubru tas-sena 2011, gew depozitati fil-Qorti. Ghalhekk ghalkemm jista' jinghad li l-attur appellant kien partecipi fid-decizjonijiet li jirrigwardaw din il-proprjetà u dan mis-sena 2002, xorta hemm perjodu bejn is-sena 1991 u s-sena 2000 fejn il-konvenuti appellati hadu hsieb jigbru l-kera ta' din il-proprjetà li jistghu jaghtu rendikont taghha. Ghalkemm Simone De Brincat tikkontendi li hija dejjem ghaddiet sehem din il-kirja lill-attur appellant (asserzjoni kkontestata mill-attur appellant), din il-Qorti mhix konvinta mill-versjoni tal-konvenuta appellata, peress li ghalkemm tghid li qatt ma nghatat ircevuta u li gieli hallset fi flus kontanti u gieli b'cekk,

stqarret li ser tressaq prova ta' hlas permezz ta' cekkijiet f'dan ir-rigward, izda hija qatt ma ressqet tali prova.

Numru 30/31 Sqaq Numru 3, Triq il-Kbira, Hamrun:

Din il-proprjetà kienet mikrija lil certu John Vella. L-attur appellant jikkontendi li din il-proprjetà wkoll kienet inxtrat minn nannuh Antonio De Brincat permezz ta' kuntratt tal-11 ta' April, 1908. Da parti tal-konvenuta Simone De Brincat, hija tikkontendi li filwaqt li l-inkwilin kien ihallasha kera ta' Lm30 fis-sena sas-sena 2002, tghid ukoll li qatt ma tat sehem minn din il-kera lill-kugin Anthony De Brincat peress li huwa m'ghandux sehem minn dan il-fond u ghalhekk hija kienet taqsam din il-kera ma' hutha biss. Tispjega li l-inkwilin jikkontendi li l-fond numru 30 jappartjeni lil sidien differenti (certu Pawlu Vassallo). Filwaqt li fir-rigward tal-fond numru 31, kien jircievi l-kera missierha sas-sena 1991, hija rceviet il-kera bejn is-sena 1992 sas-sena 2002. Dan kollu jinsab korroborat permezz ta' affidavit tal-istess John Vella, li jiddikjara wkoll li l-ahhar darba li hallas il-kera kien fit-18 ta' Jannar, 2003.

Mhux car ghal din il-Qorti fuq liema bazi l-konvenuta appellata qeghda tikkontendi li l-attur appellant m'ghandux sehem minn dan il-fond, in kwantu m'hemmx dubju li l-attur bhala eredi ta' missieru Francis, li a sua volta kien eredi ta' Antonio De Brincat, kif ukoll bhala eredi ta' zijuh

Giuseppe u ta' nanntu Maria Concetta, li lkoll gie dikjarat il-fond numru 31, fid-denunzja taghhom, ghandu sehem mill-fond in kwistjoni

<u>Fir-rigward tal-fond 48, Triq l-Iljun, Furjana:</u>

Ghalkemm originarjament dan il-fond kien jifforma parti mill-pretensjonijiet tal-attur appellant, kif gie rilevat qabel, dan il-fond kien esproprjat mill-Gvern. Mix-xhieda ta' Margaret Falzon, jirrizulta li dan il-fond kien esproprjat permezz ta' avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern ghall-ewwel darba fil-21 ta' Lulju, 1988. Il-konvenuta appellata Simone De Brincat tichad li hija qatt kriet dan il-fond, liema xhieda ma tinsabx kontradetta bl-ebda mod. Madankollu fil-kaz ta' dan il-fond jidher li l-problema hija ormai superata in kwantu mill-kuntratt ta' bejgh tad-drittijiet ta' kumpens, tal-14 ta' Dicembru, 2015, jidher li l-kontendenti kollha fil-kawza, flimkien ma' xi kugini ohra thallsu sehemhom minn dan il-fond u ghalhekk ma jirrizultax li dan il-fond ghandu jipprospetta xi disgwid ulterjuri bejn il-kontendenti fil-kawza.

Kwindi t-tielet aggravju tal-attur appellant jirrizulta ben fondat fis-sens li din il-Qorti tinsab konvinta li huwa ghandu sehem minn dawn il-proprjetajiet provenjenti lilu bhala wiehed mill-eredi ta' missieru Francis, ta' zijuh Joseph u ta' nanntu Maria Concetta, liema proprjetajiet kienu qeghdin jigu amministrati principalment mill-konvenuta appellata Simone De Brincat (ara f'dan is-sens ukoll il-prospett Dok "A" esebit in

atti mal-affidavit tal-attur appellant). Madankollu jirrizulta wkoll li fil-kaz tal-fond 35, gja 76, gja 68 Triq il-Kapuccini, l-Furjana, ghalkemm il-kera kienet originarjament tinhareg f'isem Simone De Brincat, f'isimha u f'isem hutha, b'effett mill-4 ta' Marzu 2005, il-hlas beda jinhareg fuq it-tliet ahwa konvenuti appellati. Kwindi huwa ndikat li l-konvenuti appellati ghandhom flimkien jaghtu rendikont tal-amministrazzjoni taghhom fir-rigward ta' dawn il-fondi, limitatament kif spjegat qabel u dan b'effett mis-sena 1991, minn meta bdew jiehdu hsieb l-amministrazzjoni tal-imsemmija proprjetà, wara l-mewt ta' missierhom Publio.

Imiss li jigi ttrattat l-ewwel aggravju tal-attur appellant fejn jilmenta li l-ewwel Qorti tat konkluzjoni fil-qosor, li ma kenitx motivata u li kienet zbaljata f'dak li ghandu x'jaqsam mal-fatti. Jispjega li ghalkemm l-ewwel Qorti ddikjarat li "*jirrizulta li l-attur mhux daqshekk sajjem mid-dettalji*", ma ghamlet ebda referenza ghall-provi migbura, kif lanqas qalet minn fejn irrizultalha dan u tat x'tifhem li hemm xi gradi differenti ta' gharfien, mentri jinsisti li kellu jirrizulta lill-ewwel Qorti li effettivament huwa ma kienx jaf bil-proprjeta, qabel ma dan gie komunikat lilu minn Connie Gauci, kif konfermat mill-istess xhud. Jghid ukoll li minkejja l-fatt li l-proprjetajiet kollha ma gewx dikjarati fid-denunzja tal-mejjet Publio De Brincat, il-konvenuti appellati, kienu jafu sew dwar dawn il-proprjetajiet li kienu jappartjenu lill-partijiet kollha u dawn ma gewx dikjarati fid-denunzja msemmija bl-iskop car li jikkapparraw l-istess proprjetà u jahbuha mill-koproprjetarji l-ohra.

Tajjeb li jinghad li fil-premessi l-attur appellant jghid li huwa bhala eredi ta' Concetta De Brincat, Giuseppe De Brincat u ta' Francis De Brincat, li kien eredi ta' Antonio De Brincat, huwa koproprjetarju ta' diversi proprjetajiet flimkien mal-konvenuti, li huma l-eredi ta' Publio De Brincat. Jinghad minnu wkoll li skopra li kien hemm diversi proprjetajiet li huwa ma kienx jaf bihom peress li dawn gew mistura, izda jibqa' l-fatt li l-kawza ticcentra ruhha fuq talba li jinghata kont tal-amministrazzjoni tal-koproprjetà amministrata mill-konvenuti u li jigi likwidat il-qligh spettanti lilu, kif ukoll li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu sehemu mill-qligh.

Hawnhekk issir referenza ghall-Artikoli 389 u 390 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprovdu:

> *"389. (1) Kull min hu obbligat li jaghti kont, ghandu jipprezentah bid-dokumenti kollha li jiggustifikawh.*
>
> *"(2) Jekk xi wiehed mid-dokumenti jkun att pubbliku, tkun bizzejjed li ssir riferenza ghalih.*
>
> *"390. (1) Il-kont ghandu jkun fih:*
> *"(a) tifsira cara tal-hwejjeg li taghhom ghandu jinghata kont;*
> *"(b) il-partiti tad-dhul;*
> *"(c) il-partiti tan-nefqa;*
> *"(d) il-bilanc li ghad irid jidhol u l-hwejjeg li ghandhom jittiehdu lura;*
>
> *"(2) Il-kont ghandu jaghlaq b'rijassunt."*

Minn ezami tal-artikoli appena citati jirrizulta car x'wiehed jistenna li jkun fih rendikont li ghandu jinghata minn min ikun responsabbli, fost affarijiet ohra, ta' amministrazzjoni ta' proprjetà mizmuma in komun. Mhux

daqstant relevanti l-livell ta' gharfien li wiehed mill-koproprjetarji seta' kellu tal-estent tal-beni mizmuma in komun. Gialdarba tezisti tali proprjetà mizmuma in komun u jirrrizulta li din il-proprjetà qeghda tigi amministrata minn persuna, jew persuni, allura huwa l-obbligu ta' dik il-persuna li taghti rendikont kif stipulat fil-ligi. Tali rendikont ghandu jinkludi kemm id-dhul percepit f'kera fuq il-fondi kif inghad qabel, kif ukoll nfiq bhal spejjez li l-istess persuna tkun ghamlet (bhal fil-kaz tal-fond 35, gja 76, gja 68 Triq il-Kapuccini l-Furjana), kif stipulat fl-artikoli tal-ligi. Din il-Qorti ser takkorda lill-konvenuti appellati zmien tliet xhur mid-data ta' din is-sentenza, sabiex jaghtu kont tal-amministrazzjoni taghhom tal-beni kif hawn qabel elenkati sa minn Lulju tas-sena 1991 'il quddiem, kif spjegat.

L-attur appellant ikollu l-opportunità li wara li jezamina l-imsemmi rendikont, fi zmien xahrejn minn meta jinghata l-kont da parti tal-konvenuti appellati, jiddikjara permezz ta' nota fl-atti tal-kawza jekk jaqbilx mal-kont jew le. Jekk ma jaqbilx mal-kont huwa ghandu jindika l-partiti li jopponi u jfisser ir-raguni tal-opposizzjoni. Jekk il-konvenuti appellati jonqsu mill-jaghtu l-kont fiz-zmien moghti lilhom, l-attur appellant ikollu s-setgha li fi zmien xahrejn wara li jiskadi inutilment it-terminu moghti lill-konvenuti appellati, li jiddikjara permezz ta' nota s-somma li qieghed jippretendi li tinghatalu.

In vista ta' dak li appena nghad, mhux opportun li f'dan l-istadju jigi nvestit it-tieni aggravju tal-attur appellant dwar il-likwidazzjoni u l-kundanna ta' hlas ta' sehemu mill-qligh, kif pretizi taht it-tieni u t-tielet talba attrici. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u in vista tal-mod kif zvolgew il-proceduri fl-ewwel istanza l-atti tal-kawza ghandhom jigu rimandati quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex jigi osservat il-beneficcju tad-*doppio esame* riservat lill-partijiet.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti tiddeciedi li tiddisponi mill-appell interpost mill-attur appellant billi tilqa' l-istess limitatament kif inghad, fis-sens illi filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Ottubru, 2013, sa fejn cahdet l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni u safejn iddikjarat lill-konvenuta Maria Concetta sive Connie Gauci kontumaci, thassaraha u tirrevokaha fil-bqija taghha.

Tilqa' l-ewwel talba tal-attur limitatament kif inghad u tordna lill-konvenuti appellati jaghtu kont tal-amministrazzjoni tal-proprjetà in kwistjoni skont l-Artikoli 389 u 390 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif imfisser qabel u dan b'effett minn Lulju tas-sena 1991 u dan fi zmien tliet xhur mid-data ta' din is-sentenza.

Tordna lill-attur appellant sabiex fi zmien xahrejn minn meta jinghata l-kont da parti tal-konvenuti appellati, jiddikjara permezz ta' nota fl-atti tal-kawza jekk jaqbilx mal-kont jew le. Jekk ma jaqbilx mal-kont huwa ghandu jindika l-partiti li jopponi u jfisser ir-raguni tal-opposizzjoni. Fin-nuqqas tal-konvenuti appellati li jaghtu l-kont fiz-zmien moghti lilhom, l-attur appellant ikollu s-setgha li fi zmien xahrejn wara li jiskadi inutilment it-terminu moghti lill-konvenuti appellati jiddikjara permezz ta' nota s-somma li qieghed jippretendi li tinghatalu.

Tordna li l-atti jigu rinvjati lill-Prim' Awla Tal-Qorti Civili sabiex wara li l-partijiet josservaw dak deciz minn din il-Qorti, tidhol fil-mertu tat-tieni u t-tielet talbiet attrici.

Minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez tal-kawza sa issa jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df